**Nomina ta' Frank Galea bħala**
**Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Arġentina u ċ-Ċilì**

Pubblikazzjoni tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet *ai termini* tal-Artikolu 48B(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

**1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandhom quddiemhom pajjiżi bħall-Arġentina u ċ-Ċilì?**

Kemm l-Arġentina kif ukoll iċ-Ċilì huma pajjiżi konsiderati bħala pajjiżi li għadhom fi stat ta' żvilupp iżda li qed jagħmlu progress notevoli.

L-Arġentina

Ir-Repubblika tal-Arġentina, li qiegħda fl-Amerka t'Isfel, hija maqsuma f'seba' reġjuni, bil-kapitali Buenos Aires. Il-lingwa prinċipali hija l-Ispanjol, għalkemm l-Ingliż, it-Taljan, il-Ġermaniż u l-Għarbi huma wkoll mitkellma. Il-munita użata hija l-peso Arġentin, li għandu rata bejn wieħed u ieħor ta' 17-il peso għal kull dollaru Amerikan.

Il-popolazzjoni hija ta' 44 miljun mifruxa fuq 2.8 miljuni km$^2$. Ir-reliġjon prinċipali hija dik Kattolika. Il-Papa preżenti huwa Arġentin.

L-istorja tal-Arġentina kienet iddominata minn problemi politiċi interni, pressjoni minn gruppi politiċi, li huma l-Peronisti, immexxija minn movimenti tal-ħaddiema u gruppi reliġjużi li l-kapijiet tagħhom ma jipparteċipawx fl-elezzjonijiet leġiżlattivi. Fl-2015 beda perjodu ta' riformi u integrazzjoni internazzjonali taħt il-President Mauricio Macri.

Fil-preżent, l-ekonomija hija maqsuma f'25% industrija u 75% servizzi. L-industrija prinċipali hija dik tal-ipproċessar tal-ikel, tessuti, kimiċi, azzar, karta, flimkien ma' nofs miljun barmil żejt kuljum.

Il-qagħad fil-preżent huwa ta' 8%, filwaqt li l-faqar ilaħħaq kważi 32%. L-Arġentina għandha problemi soċjali kbar li jinkludu, fost oħrajn, il-kuntrabandu, traffikar tan-nies u dawk tad-droga, kif ukoll ħasil ta' flus u *child labour*.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' saħħa, teżisti l-problema tal-AIDS, ta' tniġġis fl-ilma tax-xorb u kundizzjonijiet sanitarji ħżiena.

L-Arġentina għandha konflitti internazzjonali riġward il-Falklands u South Georgia.

L-Arġentina hija membru tal-G15 u l-G20, kif ukoll tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA). Tagħti importanza partikolari lir-riċerka spazjali u dik tal-kardjoloġija.

Wieħed jista' jgħid ukoll li l-Arġentina għandha t-tielet l-akbar ekonomija fl-Amerka Latina (wara dik tal-Brażil u l-Messiku) u hija s-seba' l-iktar post sinjur fost il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Wara l-esperjenzi koroh li għaddiet minnhom fil-bidu ta' dan is-seklu 21, fejn rat falliment fid-djun pubbliċi kif ukoll żvalutar sever tal-munita nazzjonali, bil-mod il-mod bdiet tirkupra.

Illum il-ġurnata, tnejn mid-disa' kumpaniji mill-Amerka Latina, li llum qabżu l-biljun f'termini ta' ishma, ġew imwaqqfa fl-Arġentina (sors: OLX the Craigslist of Latin America u Globant - *a top outsourcing company*). Fost l-aqwa investituri u imprendituri fl-Amerka Latina, ġeneralment, joriġinaw mill-Arġentina.

B'Mauricio Macri mill-ġdid fil-poter, l-Arġentina qiegħda twettaq tibdiliet li ser jimpattaw pożittivament fuq kumpaniji żgħar u medji, ser jattiraw aktar investituri lokali u barranin, kif ukoll jirkupraw lura l-kunfidenza tal-konsumatur.

B'liġi li għadha kif għaddiet riċentement (Ley de Emprendedores), illum, fl-Arġentina, imprenditur jista' jirreġistra negozju mija fil-mija *online*, f'24 siegħa. Qabel, kien jieħu mas-26 ġurnata. Din ir-reġistrazzjoni ta' kumpanija *fast track* tippermetti lill-imprenditur sabiex jirreġistra entità ta' negozju simplifikat (SAS), kont tal-bank, numru ta' identità u indirizz tan-negozju temporanju, f'qasir żmien.

- L-Arġentina għandha l-ogħla penetrazzjoni tal-użu tal-internet fl-Amerka Latina kollha (80.1%). Hija waħda mill-akbar u mill-aktar popolazzjonijiet teknoloġikament żviluppati fid-dinja.

- B'riżultat ta' dan, l-*e-commerce* qiegħed jikber fir-reġjun. Fl-2015, stabbiliment *online* normali kiber b'58%. Kumpaniji li joperaw fl-oqsma marittimi u tal-loġistika qegħdin jimpenjaw irwieħhom sabiex isolvu problemi ta' infrastruttura sabiex jaċċelleraw l-operat tax-xiri *online*.

- Il-Gvern Arġentin, min-naħa tiegħu, qiegħed jibdel numru ta' liġijiet sabiex kumpaniji jkunu jistgħu jimpurtaw prodotti mingħajr il-bżonn ta' liċenzji tal-importazzjoni.

- Ta' min isemmi li fl-Arġentina, il-Bitcoin u l-*cryptocurrencies* qabdu sew, fejn il-poplu Arġentin adotta minn kmieni dan is-servizz ġdid finanzjarju, prinċipalment minħabba n-nuqqas ta' fiduċja ġenerali li teżisti kemm fil-banek kif ukoll fil-gvern fejn jidħol serħan tal-moħħ finanzjarju. L-Arġentina mhux biss hija *leader* assolut fl-Amerka Latina f'dak li għandu x'jaqsam ma' żvilupp tal-Bitcoin u l-adozzjoni tal-munita diġitali, iżda hija wkoll *leader* globali. F'Ġunju 2017, il-Coinmap telenka mhux anqas minn 145 sors li jaċċettaw il-Bitcoin f'Buenos Aires waħdu. Sabiex wieħed ikollu perspettiva, f'Londra, pereżempju, hemm 90 filwaqt li fi New York hemm 87.

- Skont il-Bitcoin Market Potential Index, li tissorvelja l-potenzjal f'madwar 177 pajjiż, jirriżulta li l-Arġentina għandha l-akbar potenzjal fid-dinja f'din il-munita diġitali. L-użu tal-Bitcoin irdoppja bejn l-2014 u l-2015, primarjament fost l-intrapriżi ż-żgħar u jeżistu ħafna kumpaniji tal-Bitcoin li nbdew minn imprendituri mill-Arġentina, bħal Xapo, Ripio, RSK Labs u Bitex.

- Minkejja dan, fl-Arġentina għad hemm problemi serji. B'rata annwali ta' 40%, l-inflazzjoni tibqa' l-akbar problema. Minħabba fiha, ir-rata tal-konsum tonqos u għalhekk jibqgħu l-isfidi fit-titjib tas-suq fuq livell lokali. Il-pagi ma jistgħux ilaħħqu mal-inflazzjoni u teżisti skuntentizza ġenerali fost il-ħaddiema. Il-pajjiż donnu qiegħed jistenna sabiex jara kif u jekk il-President Macri jistax isolvi dawn il-problemi. L-inflazzjoni, flimkien mal-immaniġġar żbaljat tal-ekonomija, fost affarijiet oħra, wasslu sabiex il-pajjiż, fil-preżent, jinsab isofri r-riċessjoni.

- Sa mill-kriżi tal-2001, l-investiment barrani tbaxxa ħafna u l-Arġentina prattikament iżolat ruħha mis-swieq kapitali mondjali. Il-gvern il-ġdid neħħa l-kontrolli fuq il-muniti barranin u laħaq ftehim mal-aħħar kredituri tal-kriżi tal-2001. Dan għandu jgħin sabiex l-Arġentina terġa' tibda dieħla fis-swieq internazzjonali.

- F'dawn l-aħħar snin kien diffiċli ħafna sabiex toħroġ flus mill-Arġentina, kif ikollhom bżonn jagħmlu kumpaniji barranin li jkunu qegħdin joperaw fil-post. Barra minn hekk, kumpaniji kbar, bħal Porsche, kienu kostretti jesportaw mijiet ta' fliexken ta' nbejjed ħomor Arġentini ma' kull karozza li jbigħu fl-Arġentina. Minħabba f'dan, kibret ukoll il-korruzzjoni, speċjalment fid-dwani.

Iċ-Ċilì

Popolazzjoni ta' 18-il miljun fuq medda t'art 760,000 km$^2$. Il-lingwa hija l-Ispanjol u r-reliġjon hija dik Kattolika Kristjana. Il-munita uffiċjali hija l-peso Ċilen.

Iċ-Ċilì għandu rabtiet kummerċjali b'saħħithom mar-Renju Unit, Franza u l-Ġermanja.

Iċ-Ċilì jservi wkoll fuq l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA).

Fil-preżent, il-pajjiż għandu qagħad ta' 6.4% u problemi ta' nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati, apparti sistema burokratika pjuttost dgħajfa. Iżda forsi l-akbar sfidi li għandha ċ-Ċilì huma dawk fil-kamp ambjentali, bl-ikbar problemi jkunu dawk tal-iskart u t-tniġġis tal-arja minħabba l-minjieri, is-sajd, l-ilma tax-xorb u *soil degradation.*

Iċ-Ċilì huwa l-aktar pajjiż sinjur fl-Amerka t'Isfel. Jesporta ram, frott, ħut, karta, inbejjed u kimiċi, filwaqt li jimporta żejt, makkinarju elettroniku, karozzi u magni industrijali.

Fil-preżent, l-ekonomija taċ-Ċilì qiegħda tqum fuq saqajha wara perjodu pjuttost twil ta' tkabbir limitat li kien ikkaġunat mill-prezzijiet dejjem neżlin tar-ram u investiment barrani pjuttost staġnat.

Il-kunfidenza fl-infiq tal-konsumatur, kif ukoll fl-investiment, qiegħda tikber b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar xhur, filwaqt li qegħdin jidhru sinjali pożittivi fl-industrija tal-kostruzzjoni, hekk kif il-prezz tar-ram qiegħed jirritorna għal-livelli għolja ta' qabel.

Wara li reġa' ħa l-ħatra ta' President tal-pajjiż f'Marzu li għadda (kien diġà President bejn l-2010-2014), il-President Pinera wiegħed li jkabbar il-kompetittività tal-pajjiż, jgħolli r-rata tat-tkabbir u jbiddel xi ftit mir-riformi li kienu bdew jitwettqu fi żmien il-predeċessur tiegħu, Michelle Bachelet, speċjalment ir-riforma fis-sistema tat-taxxa tal-2014 kif ukoll ir-riforma fil-qasam tax-xogħol tal-2017.

Madankollu, l-isfidi li qiegħed jiffaċċja l-Gvern ta' Pinera huma konsiderevoli. Il-possibilità ta' tibdil fil-qasam fiskali tista' tkun ristretta minħabba d-defiċit fil-*budget* strutturali (1.7% fl-2017) u minħabba li d-dejn pubbliku qiegħed jikber b'mod konsistenti. Jeżistu differenzi u qasmiet kbar fil-Parlament, filwaqt li jekk iċ-Cilì trid verament issir pajjiż żviluppat – kif iħobb jisħaq il-President Pinera – allura jeħtieġ jiġu indirizzati problemi antiki, speċjalment fl-oqsma tal-edukazzjoni, saħħa u infrastruttura.

Barra minn hekk, qiegħed jinħass li l-pajjiż qiegħed isofri minn ineffiċjenza regolatorja hekk kif il-proċessi sabiex jinkisbu l-permessi huma tqal, u minħabba f'hekk jinħarġu ftit. Il-profitti għall-kumpaniji huma limitati, kif ukoll teżisti problema sabiex jinstabu ħaddiema kwalifikati.

**2. Malta qajla għandha relazzjonijiet ma' dawn iż-żewġ pajjiżi. Kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu r-rabtiet ekonomiċi u kummerċjali, politiċi u soċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivament?**

Ir-relazzjonijiet diplomatiċi ta' Malta mal-pajjiżi tal-Amerka Latina, għalkemm uħud minnhom imorru lura sew fiż-żmien, jistgħu jitqiesu li għadhom fl-infanzja tagħhom meta wieħed jikkunsidra l-livell ta' attività politika, ekonomika, soċjali u kulturali. Dan huwa iddettat, prinċipalment, minn kwistjonijiet ta' distanza ġeografika kif ukoll appartenenzi ġeo-politiċi. Dan joħroġ mill-fatt li s'issa, Malta għad m'għandhiex ambaxxata waħda f'pajjiżi tal-Amerka Latina. Jibqa' l-fatt iżda li d-dinja li qegħdin ngħixu fiha llum hija kkaratterizzata mill-globalizzazzjoni kif ukoll mir-rivoluzzjoni diġitali li rrendew il-kummerċ mondjali xi ħaga li tissupera d-distanzi u l-kobor tal-pajjiżi involuti.

Jidher ċar li jeżistu possibilitajiet ta' koperazzjoni kemm fuq livell bilaterali kif ukoll fuq livell multilaterali. Naħseb li fiż-żewġ livelli msemmija, il-qasam marittimu jgħaqqadna f'interessi komuni, speċjalment f'attivitajiet marbuta ma' reġistrar ta' vapuri, kif ukoll inizjattivi konkreti internazzjonali fejn flimkien ma' dawn iż-żewġ pajjiżi, inħaddnu għanijiet komuni, bħal-liġi tal-baħar.

Jidher li, speċjalment fil-każ tal-Arġentina, jeżisti lok għal aktar kollaborazzjoni u għarfien fil-qasam tal-Bitcoin u *cryptocurriencies*, fejn kemm l-Arġentina kif ukoll Malta, fir-reġjuni rispettivi tagħhom, qegħdin jassumu *leadership* sabiex jippożizzjonaw irwieħhom bħala l-pijunieri fl-iżvilupp ta' dan il-qasam ġdid finanzjarju. Anke dan il-qasam joffri opportunità konkreta ta' tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi, fejn wieħed jesplora l-possibilitajiet ta' żjarat reċiproċi ta' esperti, istituzzjonijiet u politiċi għal dan il-għan.

Jiena nemmen illi b'ħidma għaqlija wieħed jista` jesplora l-possibilitajiet ta' koperazzjoni bejn il-pajjiżi inkwestjoni. Wieħed jifhem illi l-miżuri li ambaxxatur mhux residenti jista' jieħu, partikolarment meta qiegħed jittratta ma' pajjiżi li huma tant distanti, huma limitati. Iżda nemmen illi jekk jinżamm kuntatt regolari mal-ambaxxaturi tal-pajjiżi rispettivi akkreditati għal Malta, residenti f'Ruma, wieħed ikun jista' jsegwi b'mod aktar attiv inizjattivi li jistgħu jittieħdu proprju biex jissaħħu r-rabtiet ekonomiċi, kummerċjali, soċjali u kulturali. Nemmen ukoll illi, flimkien mal-istess ambaxxaturi akkredati għal Malta, wieħed jista' jidentifika persuni kwalifikati u ta' esperjenza li jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati għal ħatriet ta' konsli onorarji. Tali konsli onorarji jistgħu, fl-assenza ta' ambaxxati Maltin kemm fl-Arġentina kif ukoll fiċ-Ċilì, jiffaċilitaw ir-relazzjonijiet ma' Malta, partikolarment fis-setturi kummerċjali, soċjali u kulturali.

Oqsma oħra interessanti li jistgħu jiġu kkunsidrati, jinkludu: l-MFSA, Akkademja tal-Istudji Diplomatiċi, il-Port Ħieles, it-turiżmu, l-adozzjoni, il-protezzjoni ta' investimenti, tassazzjoni doppja, viżi, reġistrazzjoni ta' vapuri u ajruplani u l-manutenzjoni tagħhom, riċerka, l-Università, l-emigrazzjoni, u vot għal Malta fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UN).

**3. Mis-CV tiegħek, inti persuna ta' esperjenza varja u kellek irwoli importanti u diversi fl-amministrazzjoni ta' pajjiżna. Kif tara li din ser tgħinek f'din il-kariga tiegħek?**

Kif jirriżulta anke mill-istess domanda, jiena kelli diversi karigi uffiċjali importanti. Jiena nemmen li tali karigi lili tawni esperjenza valida ħafna li, flimkien mal-esperjenza u l-kwalifiki tiegħi fis-settur kummerċjali, jistgħu jkunu ferm utili għalija fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet li jkolli, jekk u meta, ningħata l-kariga ta' Ambaxxatur.

Fost karigi oħra, servejt bħala direttur kemm fuq il-Bord tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (MIA) kif ukoll fuq il-Bord tal-Awtorità Marittima Maltija (MMA). Dawn iż-żewġ irwoli li kont ġejt fdat bihom, offrewli l-opportunità unika u irrepetibbli li permezz tagħha stajt neżamina mill-qrib l-operat ta' dawn iż-żewġ azjendi parastatali Maltin. Barra minn hekk, offrewli wkoll l-opportunità li nipparteċipa fid-diskussjonijiet li seħħew dwarhom, dwar il-problemi li kienu qegħdin jiffaċċjaw matul is-snin, dwar is-soluzzjonijiet li kienu qegħdin jiġu proposti għall-problemi li kienu qegħdin jiffaċċjaw, kif ukoll dwar proġetti ġodda li kienu qegħdin jiġu maħsuba għalihom fil-futur bil-ħsieb li jitkabbar kemm l-operat tagħhom kif ukoll il-qligħ. Offrewli l-opportunità, fuq kollox, sabiex nagħraf kif għandhom jittieħdu d-deċiżjonijiet, primarjament fl-interess nazzjonali, mingħajr ma jiġi injorat qatt l-interess tal-azjenda. Dawn l-esperjenzi tawni lok nikkontribwixxi l-ideat tiegħi, li oriġinaw mill-esperjenzi tiegħi fil-qasam tal-kummerċ, sabiex dawn jiġu kkunsidrati għall-ġid aħħari tal-progress tal-azjendi nazzjonali. Dawn l-esperjenzi kienu ta' sodisfazzjon kbir għalija għax tawni l-opportunità sabiex nagħti lura lil pajjiżi xi ftit minn dak li, fl-aħħar mill-aħħar, pajjiżi tani sabiex żviluppajt dak kollu li naf.

**4. Tara li għandek xi interessi professjonali jew ta' kummerċ li jistgħu jkunu konfliġġenti ma' din il-kariga tiegħek?**

B'referenza għal din id-domanda, nirreferikom għad-domanda numru 3. Jiena bl-ebda mod ma nara li għandi xi kunflitt ta' interess professjonali jew ta' kummerċ anke *stante* li l-attivitajiet professjonali u kummerċjali tiegħi llum huma limitati ħafna.

**5. Tikkonferma li inti għandek biss passaport wieħed u li huwa dak Malti?**

Nikkonferma li għandi biss passaport wieħed u ċjoè, dak Malti.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

**1. In vista tal-fatt li għalkemm pajjiżna kellu relazzjonijiet diplomatiċi sija mal-Arġentina kif ukoll maċ-Ċilì, tista' tindika fejn tara li wieħed jista' jżid u jtejjibhom?**

F'dan il-kuntest tajjeb li wieħed ifakkar illi r-relazzjonijiet diplomatiċi bejn Malta u ċ-Ċilì ġew stabbiliti fl-1989. Iżda kien proprju f'Lulju tas-sena li għaddiet li l-President ta' Malta mexxiet delegazzjoni għall-ewwel żjara uffiċjali fiċ-Ċilì. Tali żjara kienet messaġġ ċar li l-Gvern Malti jrid jagħti iżjed importanza lir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi. Huwa fatt li tali relazzjonijiet għadhom f'dimensjoni limitata u għaldaqstant hemm potenzjal fejn wieħed jista' jesplora possibilitajiet ta' tkabbir.

Fil-każ tal-Arġentina, ir-relazzjonijiet diplomatiċi kienu stabbiliti fl-1975. Anke fil-każ tal-Arġentina, ir-relazzjonijiet kummerċjali huma pjuttost limitati. Pajjiż b'popolazzjoni ta' ċirca

44 miljun ruħ għandu jingħata l-importanza mistħoqqa għaliex għandu potenzjal sinifikanti x'joffri.

Għalkemm fil-każ taż-żewġ pajjiżi l-ġeografija hija tali li huma 'l bogħod ħafna minn pajjiżna, fil-kuntest tal-lum, u f'dinja globalizzata, id-distanza ma għadhiex daqshekk rilevanti.

Biex wieħed jagħti almenu eżempju wieħed prattiku, huwa importanti li ssir riferenza għall-Freeport ta' Malta li għandu valur u potenzjal kbir, partikolarment għal traġitt ta' merkanzija bejn iż-żewġ pajjiżi inkwestjoni, partikolarment fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom mal-pajjizi ta' Lvant u tal-Lvant Imbiegħed. Ir-rwol ta' Malta f'setturi oħra importanti bħal dawk tal-farmaċewtika, is-servizzi finanzjarji kif ukoll fit-teknoloġija tal-informatika, li fiha Malta għamlet avvanzi kbar, jistgħu jkunu setturi li wieħed jista' jesplora. Huwa ta' importanza wkoll li wieħed jesplora, anke jekk mhux tant faċli minħabba d-distanza, il-possibilitajiet ta' tkabbir fis-settur turistiku u anke fis-settur tat-tagħlim tal-lingwa Ingliża.

Importanti li tkompli ssir ħidma biex titkabbar ukoll ir-relazzjoni ta' Malta ma' dawn iż-żewġ pajjiżi f'kuntest internazzjonali. Huwa dejjem utli u konsiljabbli li tiżdied il-koperazzjoni permezz ta' skambji ta' appoġġ li l-pajjiżi inkwestjoni jistgħu jkollhom bżonn kemm fuq kwestjonijiet ta' interess nazzjonali kif ukoll f'elezzjonijiet f'istituzzjonijiet internazzjonali b'mod partikolari fin-Nazzjonijiet Uniti. Hawnhekk wieħed irid jassigura li ż-żewġ pajjiżi u ċjoè, kemm l-Argentina kif ukoll iċ-Ċilì, jagħtu l-appoġġ tagħhom għall-kandidatura ta' Malta biex tiġi eletta membru mhux permanenti fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UN).

**2. Tul il-karriera twila tiegħek, kellek esperjenzi varji sservi lil pajjiżna fi stati oħra li però ma kenux fl-Amerka Latina. Tista' tindikalna x'inhuma r-riflessjonijiet tiegħek dwar dan?**

Matul il-karriera diplomatika tiegħi jiena servejt kemm bħala konslu onorarju tal-Belarus, kif ukoll kont ambaxxatur mhux residenzjali għal Montenegro. Bejn l-2010 u l-2013 servejt bħala l-Ambaxxatur ta' Malta f'Riyadh, l-Arabja Sawdita. Kont akkreditat ukoll għall-Emirati, Kuwajt, Bahrain, Oman, Qatar u l-Yemen.

Lura Malta, ġejt innominat bħala Ambaxxatur għall-Ażerbajġan.

L-esperjenza tiegħi f'Riyadh kienet intiża partikolarment biex nikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi. Jiena nemmen illi l-esperjenza tiegħi fil-kamp kummerċjali għenitni ħafna biex stajt nesegwixxi l-mandat mogħti lili mill-aħjar li stajt. Infatti, matul iż-żmien li jiena servejt f'Riyadh, organizzajt diversi żjarat uffiċjali ta' Ministri Maltin kif ukoll ta' uffiċjali għolja minn diversi entitajiet governattivi u imprendituri privati. Matul iż-żmien tiegħi f'Riyadh, tajt ukoll il-kontribut tiegħi biex setgħet tinfetaħ l-Ambaxxata ta' Malta fil-Kuwajt u kont ukoll bdejt in-negozjati għal ftuħ ta' Ambaxxata fil-Qatar. Ta' min isemmi li matul it-terminu tiegħi f'Riyadh ingħata bidu għal formazzjoni ta' *Joint Council* bejn iż-żewġ gvernijiet bi pjan li jiltaqgħu b'mod alternat u strutturat fiż-żewġ pajjiżi.

Prinċipalment, il-pajjiż jiffoka l-ħidma tiegħu diplomatika fuq il-koperazzjoni mal-pajjiżi tal-Golf Għarbi li jesportaw iż-żejt, fuq it-tisħiħ tal-unità fid-dinja Għarbija, fuq is-solidarjetà fid-dinja Iżlamika, kif ukoll fuq l-appoġġ sħiħ u ġeneruż li testendi lejn in-Nazzjonijiet Uniti. Dawn l-aħħar snin, l-Arabja Sawdita wriet tħassib speċjalment fil-kuntest tar-relazzjonijiet tagħha mal-Istati Uniti tal-Amerka, fl-iżviluppi negattivi fil-konflitt bejn l-Iżrael u l-Palestina,

it-theddida kontinwa li tħoss mill-Iran kif ukoll il-prezz dejjem nieżel taż-żejt. Huwa fatt magħruf li l-Arabja Sawdita dejjem użat il-ġid ekonomiku kbir iġġenerat mill-bejgħ taż-żejt sabiex tkabbar l-influwenza tal-Iżlam fid-dinja, kif ukoll sabiex testendi għajnuna finanzjarja u teknika lejn l-iżvilupp ta' pajjiżi Musulmani.

Ninsab konvint li Malta tgawdi reputazzjoni eċċellenti mal-awtoritajiet supremi tal-Arabja Sawdita, speċjalment għar-rwol tagħha bħala pont ta' djalogu bejn l-Ewropa u d-dinja Għarbija u bejn l-Ewropa u l-Golf Għarbi, kif rifless fid-diversi inizjattivi li ħadet Malta tul is-snin f'dan ir-rigward, fosthom, il-laqgħa Ministerjali bejna, l-Unjoni Ewropea u l-Lega Għarbija (LAS) fl-2008, li nżammet f'Malta għall-ewwel darba u li kienet ippreseduta flimkien mill-Arabja Sawdita u Malta. Din ir-reputazzjoni politika li tgawdi Malta f'dan il-pajjiż hekk importanti qiegħda tissarraf f'relazzjonijiet ekonomiċi tajbin ħafna. L-Arabja Sawdita għandha wkoll influwenza fuq il-pajjiżi l-oħra tal-Golf. Wieħed irid isemmi wkoll il-problema preżenti li għaddejja bejn l-Arabja Sawdita u l-Qatar.

Għaldaqstant nemmen, b'umiltà, li tali esperjenza għenitni nkabbar it-tagħrif tiegħi tad-diplomazija kif ukoll dwar l-aħjar modi kif wieħed jista' jkabbar ir-relazzjonijiet bejn pajjiżi fid-diversi setturi politiċi, ekonomiċi u kulturali.

**3. Tista' tiddikjara x'konflitti ta' interess qed tara in vista tal-fatt li għamilt żmien twil isservi u tagħti s-sehem tiegħek fl-aspett kummerċjali?**

Filwaqt li nikkonferma li għal żmien twil kont impenjat fid-dinja tal-kummerċ, prinċipalment fil-qasam tekniku li jien speċjalizzat fih, illum niddikjara li r-rwol tiegħi fin-negozju konċernat huwa wieħed periferali. Dan kien diġà l-każ meta jiena aċċettajt in-nomina ta' Ambaxxatur fl-Arabja Sawdita lura fis-sena 2010, fejn ħadt il-passi legali kollha neċessarji sabiex jiena niddedika l-ħin kollu tiegħi sabiex naqdi d-doveri rappreżentattivi li ġew mogħtija lili mill-Istat.

Ma nara ebda konflitt ta' interess għall-fatt li jiena għamilt żmien twil naħdem fis-settur kummerċjali. Anzi nemmen, u fiduċjuż, li l-esperjenza tiegħi fis-settur kummerċjali għandha tagħtini vantaġġ f'negozjati li jistgħu jsiru biex jiżdiedu r-relazzjonijiet ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi. L-involviment tieghi fis-settur kummerċjali kien prinċipalment fil-qasam tekniku u li din kienet il-linja professjonali tiegħi. Iżda *stante* l-età avvanzata tiegħi, jiena naqqast ħafna mill-attività kummerċjali tiegħi

Għaldaqstant, kif kien il-każ meta ġejt maħtur Ambaxxatur għall-Arabja Sawdita, ma jeżisti l-ebda bażi sabiex wieħed jiddikjara jew jirrikonoxxi li jeżisti xi konflitt ta' interess *in vista* tal-inkarigu l-ġdid li ġejt innominat għalih.

**4. Tista' tgħidilna xi kwalifiċi akkademiċi tippossjedi?**

Meta jiena spiċċajt l-istudji tiegħi fil-livell sekondarju, jiena kelli l-opportunità li nirċievi borża ta' studju fil-Ġermanja fejn, barra li studjajt il-lingwa Ġermaniża, għaddejt sena sħiħa nistudja dwar l-istampar u l-pubblikazzjonijiet f'kulleġġ privat. Eventwalment għamilt tliet snin fl-akkademja tal-grafika f'Munich fejn spiċċajt il-kors b'suċċess u ngħatajt diploma f'*media communications* (produzzjoni ta' ġurnali u *media management*).